**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**
**MAGISTRAT**

**Rikors nru. 269/2016**

**Fl-atti tal-kawza numru 405/2003SM**

**Henry Scicluna (K.I 540982M)**

**vs**

**Pierre Nani (K.I. 718652M)**

**Illum, 5 ta' Lulju 2017**

Il-Qorti;

Rat r-rikors promotur li jghid hekk:

> Illi permezz ta' sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2005 fil-kawza fl-ismijiet Henry Scicluna vs Pierre Nani (Rikors numru 405/2003SM) (Dok 'A'), l-esponent gie kanonizzat kreditur tal-intimat fl-ammont ta' Lm4,135 illum €9,631.96 valur tas-sorte tal-imsemmi kaz kif ukoll l-ammont ta' lm899.93 illum €2,096.27 valur tat-taxxa flimkien ma' Lm91.92 illum €214.12,

VAT fuq drittijiet professjonali skont l-istess taxxa (Dok 'B'), bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-lum li jammonta Lm3,602.41 illum €8,391.36 li b'kollox jammonta ghat-total ta' €20,334.41.

Illi sal-lum l-intimat ghadu ma hallasx dejn u dan minkejja li ghadda hafna zmien.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew iktar minn ghaxar snin u ghalhekk jehtieg il-permess sabiex is-sentenza fuq imsemmija terga' tigi reza ezegwibbli.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghat-tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 terga' tirrendi ezegwibbli s-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2005 fil-kawza fl-ismijiet Henry Scicluna vs Pierre Nani (Rikors numru 405/2003SM).

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat illi l-intimat minkejja li debitament notifikat ma prezenta l-ebda risposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tas-26 t'April 2017, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitlob sabiex sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru 2005 Rikors numru: 405/2003SM fl-istess ismijiet tigi reza ezegwibbli mill-gdid a tenur tal-Artiklu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data ta' dik is-sentenza.

Illi l-intimat ma prezenta l-ebda risposta u ma kkontesta t-talba attrici bl-ebda mod minkejja illi debitament notifikat kif jirrizulta a folio 19 et sequitur tal-process.

Illi l-intimat ma deher qatt tul il-proceduri sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Illi r-rikors promotur gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti.

Illi mill-provi prodotti, t-talba attrici tirrizulta pruvata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u a tenur tal-Artiklu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta terga' tirrendi ezegwibbli s-sentenza mightija minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru 2005 fil-kawza fl-ismijiet Henry Scicluna vs Pierre Nani Rikors numru: 405/2003SM. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur